MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 85/2010

**A C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici kuraturi deputati li qed jidhru ghal S C assenti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li hija mizzewwga lil S C, u ma twieldux tfal bejn il-partijiet; li l-hajja [konjugali] bejniethom m' ghadhiex aktar possibbli minhabba ragunijiet gravi mputabbli lill-intimat, fosthom mohqrija, sevizzi, glied u tghajjir u nuqqas ta' hlas ta' manteniment, tant li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; li precedentement hija kienet diga' fethet proceduri ghas-separazzjoni personali izda waqfithom bit-tama li l-partijiet jirrangaw, izda nutilment; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni skond il-ligi sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-

Qorti [1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-intimat; [2] tiffissa retta alimentari xierqa ghaliha; u [3] ixxolji, tillikwida u tassenja l-assi tal-kommunjoni ta' l-akkwisti; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, bir-rizerva li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk ikunu hekk edotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**

Illi jirrizulta mhux kontraddett li l-konvenut assenti zzewweg lill-attrici bl-iskop uniku li jakkwista l-liberta' tal-moviment f' Malta. Tghid, li meta zzewwgu huma ma kienx ikollhom relazzjonijiet intimi, u l-att taz-zwieg ma sarx peress li hu ma kienx javvicinaha. Huwa kien biered fil-konfront taghha, u kien insensittiv ghall-bzonnijiet taghha; di fatti, flus qatt ma' taha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenut li tul il-konvivenza matrimonjali kien hati, fil-konfront ta' l-attrici, ta' komportament abbuziv li jikkwalifika bhala 'sevizzi u mohqrija' fit-termini ta' l-artikolu tal-ligi fuq citat.

Ghalhekk l-ewwel talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Manteniment**
Illi ma ngabux provi fir-rigward, u ghalhekk din il-Qorti qed tillimita l-gudizzju taghha f' dan ir-rigward billi tafferma d-dritt ta' l-attrici li tezigi manteniment minghand il-konvenut bhala l-parti hatja ghall-firda personali, kemm-il darba dina tkun fil-pozizzjoni li tressaq provi rigwardanti l-qligh tal-konvenut.

**Kommunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi mill-provi ma jirrizultax li hemm assi tal-kommunjoni, ghajr ghall-inkwilinat tal-fond 375/2 Zabbar Rd. Fgura li fih qed tghix l-attrici. Mobbli ma hemmx stante li dan il-fond huwa furnished.

L-attrici tiddikjara li l-vettura Skoda li qeda fil-pussess taghha, hija proprjeta' parafernali taghha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenut;
[2] tilqa' t-tieni talba, izda tirriserva li tipprovdi dwar il-quantum tal-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici, f' gudizzju iehor, meta l-attrici tkun fil-pozizzjoni li ggib provi f' dan ir-rigward;
[3] tilqa' it-tielet talba limitatament billi tiddikjara xjolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti, u tawtorizza lill-attrici tghix fil-fond 375/2 Zabbar Rd. Fgura ad eskluzjoni tal-konvenut.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------